**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 27 ta' Gunju, 2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Raymond Aquilina)**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**-vs-**

**Omissis**

**Clemenzju Zerafa detentur tal-Karta ta' l-Identita` numru 6650G**

**Omissis**

**Anthony Muscat detentur tal-Karta ta' l-Identita` numru 162374M**

**Kumpilazzjoni Nru. 703/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Omissis, Clemenzju Zerafa, Omissis u Anthony Muscat u ċioè:

Fir-rigward ta' Omissis -

F'dawn il-Gzejjer, fl-18 ta' Novembru 2006 u fix-xhur preċedenti, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni wahda:

Ittraffika persuna ta' età cioe bil-għan li din il-persuna tiġi sfruttata għall-prostituzzjoni, b'qerq jew ingann, u billi ta jew irċieva ħlasijiet jew benefiċċji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq persuna oħra;

Fl-istess żmienijiet u ċirkostanzi, bi vjolenza, b' theddid, b' qerq, bi drawwa jew għal qliegħ, biex isserrah iż-żiena ta' ħaddieħor, ħajaju persuna taħt l-età ta' wieħed u għoxrin sena biex tiġi Malta għal skop ta' prostituzzjoni x'imkien ieħor, inkella, inkoraggixxa jew iffaċilita s-safar tagħha minn Malta jew li hija tasal Malta għal dak l-iskop;

Talli bħala s-sid jew li għandhu taħt idejh l-amministrazzjoni ta' d-dar jew fond 'L-Ghorfa', Triq San Nikola, Gharghur, 'Sun Haven', Triq il-Kavetta, San Pawl il-Bahar, u 'Gharghur F.C' li qieghed il-Gharghur, xjentement ta b'kiri, jew ippermetta l-użu ta' dan il-post għal skop ta' prostituzzjoni.

Fir-rigward ta' **Clemenzju Zerafa** wahdu talli -
F'dawn il-Gzejjer, fl-18 ta' Novembru 2006 u fix-xhur preċedenti, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni wahda:

Ittraffika persuna ta' età cioe bil-għan li din il-persuna tiġi sfruttata għall-prostituzzjoni, b'qerq jew ingann, u billi ta jew irċieva ħlasijiet jew benefiċċji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq persuna oħra;

Fl-istess żmienijiet u ċirkostanzi, bi vjolenza, b' theddid, b' qerq, bi drawwa jew għal qliegħ, biex isserraħ iż-żiena ta' ħaddieħor, ħajjar persuna taħt l-età ta' wieħed u għoxrin sena biex tiġi Malta għal skop ta' prostituzzjoni x'imkien ieħor, inkella, inkoraggixxa jew iffaċilita s-safar tagħha minn Malta jew li hija tasal Malta għal dak l-iskop;

Talli bħala s-sid jew li għandu taħt idejh l-amministrazzjoni tad-dar jew fond 'Ta' Loretu House' Triq il-Baħħara, Ghajnsielem, u 15 Triq il-Gnien, Ghajnsielem, xjentement ta b'kiri, jew ipermetta l-użu ta' dan il-post għal skop ta' prostituzzjoni.

Fir-rigward ta' **Anthony Muscat** wahdu talli -
F'dawn il-Gżejjer, fl-19 ta' Novembru 2006 u fix-xhur preċedenti, b' diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

Irrenda ruħhu kompliċi fi traffikar ta' persuna ta' età cioe bil-għan li din il-persuna tiġi sfruttata għall-prostituzzjoni, b'qerq jew ingann, u billi ta jew irċieva ħlasijiet jew benefiċċji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq persuna oħra;
Fl-istess żmienijiet u ċirkostanzi, irrenda ruħu kompliċi bi vjolenza, b'theddid, b'qerq, bi drawwa jew għal qliegħ, biex isserah ż-żiena ta' ħaddieħor, ħajjar persuna taħt l-età ta' wieħed u għoxrin sena biex tiġi Malta għal skop ta' prostituzzjoni x'imkien ieħor, inkella,

inkoraggixxa jew iffaċilita s-safar tagħha minn Malta jew li hija tasal Malta għal dak l-iskop;

Fir-rigward ta' **Omissis, Clemenzju Zerafa, Omissis u Anthony Muscat** talli –

Ippromovew, ikkostitwixxu, organizzaw jew iffinanzjaw għaqda ta' jew persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar;

Assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma jkunx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa;

Xjentement għexu għal kollox jew in parti mill-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalità barranin,

Zammew jew eżerċitaw jew kellhom sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali,

Fir-rigward ta' **Anthony Muscat** talli:-

Fl-1 ta' Novembru, 2006, u sitt xhur ta' qabel ġewwa ix-Xlendi (Għawdex), offenda l-pudur jew il-morali, b'għemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku**;**

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex tapplika d-disposizzjoni tal-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti keient mitluba li minbarra l-pieni applikabbli tordna r-revoka tal-Liċenzji kollha maħruġa fuq 'Għargħur FC', Għargħur;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurtà tal-imsemmija Leila Cadri ta' nazzjonalità Rumena u l-familja tagħha, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodiċi Kriminali u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li f'kaz ta' ħtija minnbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna imsemmija persuni sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tas-16 ta' Marzu, 2009.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Mejju, 2016, l-imputati irregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergaw lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura serjissima tar-reati li jinsabu akkuzati bihom l-imputati, l-fedina penali taghhom li ma tohloq ebda preokkupazzjoni ghal din il-Qorti, ir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Probation Officer. It-trapass ta' kwazi ghaxar snin minn mindu raw il-bidu taghhom dawn il-proceduri ukoll irrid jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' piena li trid tigi imposta. Tenut kont ta' dawn il-fatturi u minkejja il-gravita` tar-reati imputati lill-akkuzati, din il-Qorti hi tal-fehma li piena karcerarja ma tkunx wahda idoneja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 42, 48A, 83A, 209, 248A, 248B, tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 2, 3, 8, 7(1), 10 u 9 tal-Kapiolu 63 ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba snin millum.

Inoltre' tikkundanna lil Clemenzju Zerafa wahdu ghal multa ta' sebat elef Euro (€7,000), liema somma ghandha tithallas fi zmien sentejn millum, bl-ewwel pagament jkun dovut fil-bidu ta' Lulju, 2016. F'kaz ta' nuqqas ta' hlas dan l-ammont ikun konvertibbli fi prigunerija.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Kif ukoll u sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Leila Cadri u l-familja taghha, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputati bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Finalment tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kommunikata lir-Registratur tal-qorti sabiex jittiehdu dawk il-provvedimenti previsiti bl-artikoli 5(2)(b) u (6) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta kif rez applikabbli bl-artiikolu 23A(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**